2025/195

4.2.2025

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2025/195

tat-3 ta' Frar 2025

li jemenda l-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-livelli massimi ta' residwi għall-fenbukonażol u l-penkonażol f'ċerti prodotti jew fuqhom

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA, ()

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 396/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Frar 2005 dwar il-livelli massimi ta' residwu ta' pestiċidi fi jew fuq ikel u għalf li joriġina minn pjanti u annimali u jemenda d-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 14(1) u l-Artikolu 49(2) tiegħu,

Billi:

(1) Il-livelli massimi ta' residwi ("MRLs") għas-sustanzi attivi fenbukonażol u penkonażol ġew stabbiliti fl-Annessi II u III tar-Regolament (KE) Nru 396/2005.

(2) Fl-2017 u fl-2018, rispettivament, l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel ("l-Awtorità") ressqet opinjonijiet motivati ([2]) ([3]) dwar ir-rieżami tal-MRLs għall-penkonażol u l-fenbukonażol f'konformità mal-Artikolu 12 tar-Regolament (KE) Nru 396/2005. L-Awtorità kienet identifikat xi informazzjoni bħala mhux disponibbli għal ċerti prodotti. L-informazzjoni disponibbli kienet biżżejjed biex l-Awtorità tipproponi MRLs li huma sikuri għall-konsumaturi.

(3) Fl-2019, il-Kummissjoni stabbiliet MRLs ġodda għall-fenbukonażol u l-penkonażol fl-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 396/2005, billi żammithom fil-livell eżistenti jew billi stabbiliethom fil-livell identifikat mill-Awtorità. Fl-Anness II ta' dak ir-Regolament ġew indikati lakuni fid-*data* dwar id-data sa meta l-applikant kellu jressaq lill-Awtorità l-informazzjoni nieqsa b'appoġġ għall-MRLs proposti.

(4) Peress li l-fenbukonażol ma għadhiex approvata fl-Unjoni, l-applikant ressaq informazzjoni addizzjonali dwar il-provi li tindirizza lakuna fid-*data* dwar il-Metaboliti Derivattivi tat-Triażol (TDMs) identifikata mill-Awtorità ([4]) li kienet ġiet ivvalutata wkoll mil-Laqgħa Konġunta tal-Esperti tad-WHO/FAO dwar ir-residwi tal-pestiċidi b'appoġġ għal-limiti massimi ta' residwi eżistenti tal-Codex ("CXLs") ([5]). Il-provi mressqa oriġinarjament biex jiġu stabbiliti l-MRLs tentattivi eżistenti, li huma ogħla mis-CXL, għal ċerti għelejjel ma indirizzawx il-lakuna fid-*data*. Il-lakuna fid-*data* dwar it-TDMs rigward il-provi għall-grapefruit, il-larinġ, il-lumi, l-ixkomp, il-frott taż-żerriegħa, iċ-ċirasa, il-ħawħ u l-mirtill ġiet indirizzata mill-provi mressqa b'appoġġ għas-CXLs. Il-lakuna fid-*data* dwar it-TDMs għall-mandolin ġiet indirizzata permezz ta' estrapolazzjoni mid-*data* dwar ir-residwi għal-lumi.

(5) Għalhekk, jenħtieġ li l-MRLs eżistenti jitnaqqsu għal-livell tas-CXLs għall-grapefruit, il-larinġ u l-ħawħ u jinżammu fl-MRLs attwali (diġà fil-livell tas-CXLs) għal-lumi, l-ixkomp, il-mandolin, il-frott taż-żerriegħa, iċ-ċirasa u l-mirtill.

([1]) ĠU L 70, 16.3.2005, p. 1., ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2005/396/oj.
([2]) EFSA 2017. Reasoned opinion on the review of the existing maximum residue levels for penconazole according to Article 12 of Regulation (EC) No 396/2005. *EFSA Journal* 2017;15(6):4853, 56 pp. https://doi.org/10.2903/j.efsa.2017.4853.
([3]) EFSA 2018. Reasoned Opinion on the review of the existing maximum residue levels for fenbuconazole according to Article 12 of Regulation (EC) No 396/2005. *EFSA Journal* 2018;16(8):5399, 51 pp. https://doi.org/10.2903/j.efsa.2018.5399.
([4]) EFSA 2023. Evaluation of confirmatory data following the Article 12 MRL review for fenbuconazole. *EFSA Journal*, 21(8), 1–44. https://doi.org/10.2903/j.efsa.2023.8205.
([5]) FAO (Food and Agriculture Organization of the United Nations), 2016. Submission and evaluation of pesticide residues data for the estimation of Maximum Residue Levels in food and feed. Residwi tal-Pestiċidi. 3rd Edition. Ed. FAO Plant Production and Protection Paper 225, 298 pp.

(6) Il-lakuna fid-*data* dwar l-okkorrenza tat-TDMs ma ġietx indirizzata għall-fenbukonażol fil-każ tal-ġewż tas-siġar, l-għeneb tal-mejda u tal-inbid, il-cranberries, il-banana, il-bżar ħelu/kapsikum, iż-żerriegħa tal-ġirasol, il-karawett/il-karawett mitħun, il-lift/iż-żerriegħa tal-kanola, ix-xgħir, is-segala u l-qamħ. Għalhekk, l-MRLs stabbiliti fl-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 għal dawn il-prodotti jenħtieġ li jitnaqqsu għal-limitu ta' determinazzjoni ("LOD"), ħlief għall-ġewż tas-siġar, li diġà jinsabu fl-LOD.

(7) Id-*data* kemm dwar il-provi kif ukoll dwar l-okkorrenza tat-TDMs fil-każ tal-fenbukonażol ma tressqitx għall-berquq, l-għanbaqar u l-kukurbiti bil-qoxra li tittiekel u li ma tittikilx. Għalhekk, jenħtieġ li l-MRLs stabbiliti fl-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 għal dawn il-prodotti jitnaqqsu għal-LOD.

(8) Għall-fenbukonażol, fil-każ ta' prodotti tal-annimali, il-piż alimentari tal-bhejjem ikkalkulat wera li l-limitu ma nqabiżx meta wieħed iqis ir-residwi tat-TDM permezz tal-karfa tat-tuffieħ u tal-polpa taċ-ċitru mnixxfa. L-Awtorità vvalutat l-informazzjoni l-ġdida pprovduta u ma identifikat l-ebda tħassib dwar il-konsum mill-konsumatur. Għalhekk, jenħtieġ li jinżammu l-MRLs għall-fwied, il-kliewi u l-ġewwieni li jittiekel tal-ħnieżer, tal-bovini, tan-nagħaġ, tal-mogħoż, tal-ekwini u ta' annimali terrestri mrobbija oħrajn. Għall-ħalib, abbażi tal-valutazzjoni tal-laboratorju ta' referenza tal-Unjoni Ewropea, l-LOD ta' 0,05 mg/kg stabbilit fl-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 jenħtieġ li jitnaqqas għal 0,01 mg/kg.

(9) Għall-penkonażol, l-informazzjoni nieqsa dwar studju rappreżentattiv rigward il-metaboliżmu fl-għelejjel primarji, il-provi addizzjonali dwar ir-residwi, u l-istabbiltà tal-ħżin tal-metaboliti rilevanti, tressqet għat-tut tal-għollieq u għal-lampun. Dawk il-lakuni fid-data ġew indirizzati u l-provi l-ġodda dwar ir-residwi jindikaw il-ħtieġa ta' MRL ogħla. L-Awtorità kkonfermat ([6]) li l-ogħla MRL huwa sikur għall-konsumaturi, u għalhekk jenħtieġ li jiżdied l-MRL eżistenti.

(10) Il-lakuni fid-*data* għall-penkonażol ġew indirizzati wkoll għall-qara' aħmar u d-dulliegħ, b'tali mod li jikkonferma li l-MRL eżistenti jenħtieġ li jinżamm.

(11) Tressqet *data* dwar il-provi għall-penkonażol għall-frott taż-żerriegħa u l-għanbaqar li minnhom jistgħu fil-prinċipju jiġu dderivati MRLs ogħla. Għalkemm id-*data* nieqsa rigward il-provi dwar ir-residwi li janalizzaw simultanjament id-definizzjonijiet tar-residwi għall-monitoraġġ u l-valutazzjoni tar-riskju ma ġietx ipprovduta, l-Awtorità setgħet tuża fattur ta' konverżjoni biex tqis id-differenza fid-definizzjonijiet tar-residwi. Billi l-Awtorità ma indikatx riskju għall-konsumaturi, abbażi tad-*data* l-ġdida, l-MRLs jenħtieġ li jiżdiedu.

(12) Għall-penkonażol, tressqet biżżejjed *data* dwar il-provi għall-berquq, il-ħawħ, l-għeneb tal-mejda u tal-inbid li minnhom jistgħu jiġu dderivati MRLs aktar baxxi, u għaċ-ċirasa, ir-ribes, it-tadam u l-brunġiel biex jiġu appoġġati l-MRLs eżistenti. Għalkemm il-provi nieqsa dwar ir-residwi li janalizzaw simultanjament id-definizzjonijiet tar-residwi għall-monitoraġġ u l-valutazzjoni tar-riskju ma ġietx ipprovduta, l-Awtorità setgħet tuża fattur ta' konverżjoni biex tqis id-differenza fid-definizzjonijiet tar-residwi. Billi l-Awtorità ma indikatx riskju għall-konsumaturi, l-MRLs jenħtieġ li għalhekk jitnaqqsu għal-livelli identifikati mill-Awtorità għall-berquq, il-ħawħ u l-għeneb tal-mejda u tal-inbid, u l-MRLs eżistenti miżmuma għaċ-ċirasa, ir-ribes, it-tadam u l-brunġiel.

(13) In-noti kollha f'qiegħ il-paġna li jeħtieġu s-sottomissjoni ta' informazzjoni addizzjonali jenħtieġ li jitħassru mill-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 għall-fenbukonażol u l-penkonażol.

(14) Barra minn hekk, fis-6 ta' Frar 2023 ([7]), il-Kummissjoni Codex Alimentarius adottat CXL ġdid għall-fenbukonażol fit-te aħdar u t-te iswed (iffermentat u mnixxef).

([6]) EFSA 2023. Reasoned opinion on the evaluation of confirmatory data following the Article 12 MRL review for penconazole. *EFSA Journal* 2023;21(3):7889, 52 pp., https://doi.org/10.2903/j.efsa.2023.7889.

([7]) Joint FAO/WHO Food Standards Programme Codex Alimentarius Commission. Il-ħamsa u erbgħin sessjoni. Kwartieri ġenerali tal-FAO, Ruma, l-Italja. Mill-21 sal-25 ta' Novembru 2022, mit-12 sat-13 ta' Diċembru 2022, u mid-19 ta' Diċembru 2022 sas-6 ta' Frar 2023. fao.org/fao-who-codexalimentarius/sh-proxy/en/?lnk=1&url=https%253A%252F%252Fworkspace.fao.org%252Fsites%252Fcodex%252FMeetings%252FCX-701-45%252FFinal%2BReport%2BCAC45%252FCompiled%2BREP22_CAC.pdf.

(15) F'konformità mal-Artikolu 5(3) tar-Regolament (KE) Nru 178/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([8]), fejn jeżistu standards internazzjonali jew fejn it-tlestija tagħhom tkun imminenti, dawn għandhom jitqiesu fl-iżvilupp jew fl-adattament tal-liġi tal-Unjoni dwar l-ikel, ħlief meta dawn l-istandards jew il-partijiet rilevanti jkunu mezz ineffettiv jew mhux adattat biex jintlaħqu l-objettivi leġittimi tal-liġi dwar l-ikel, jew meta jkun hemm ġustifikazzjoni xjentifika, jew meta dawn jirriżultaw f'livell differenti ta' protezzjoni minn dak iddeterminat bħala xieraq fl-Unjoni. Barra minn hekk, f'konformità mal-Artikolu 13, il-punt (e), ta' dak ir-Regolament, l-Unjoni għandha tippromwovi l-konsistenza bejn l-istandards tekniċi internazzjonali u l-liġi tal-Unjoni dwar l-ikel filwaqt li tiżgura li ma jitbaxxiex il-livell għoli ta' protezzjoni adottat fl-Unjoni.

(16) L-Awtorità vvalutat ir-riskji li dak is-CXL joħloq għall-konsumaturi u ppubblikat rapport xjentifiku ([9]). Fil-każijiet fejn l-Awtorità ma identifikatx riskji għall-konsumaturi fl-Unjoni, u li għalihom l-Unjoni għalhekk ma ppreżentatx riżerva ([10]) lill-Kumitat Codex dwar ir-Residwi tal-Pestiċidi, is-CXLs jistgħu jitqiesu sikuri. Dan huwa l-każ għas-CXL għall-fenbukonażol fit-te aħdar u t-te iswed (iffermentat u mnixxef), u għalhekk jenħtieġ li jiġi inkluż fir-Regolament (KE) Nru 396/2005.

(17) Il-Kummissjoni kkonsultat lil-laboratorji ta' referenza tal-Unjoni Ewropea dwar il-ħtieġa li jiġu adattati ċerti LODs. Dawk il-laboratorji kkonkludew li għal ċerti prodotti, l-iżviluppi tekniċi jippermettu li jiġu stabbiliti LODs iktar baxxi.

(18) Is-sħab kummerċjali tal-Unjoni ġew ikkonsultati dwar l-MRLs il-ġodda permezz tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ, u tqiesu l-kummenti tagħhom.

(19) Għalhekk, ir-Regolament (KE) Nru 396/2005 jenħtieġ li jiġi emendat kif xieraq.

(20) Sabiex ikun hemm lok għall-kummerċjalizzazzjoni, għall-ipproċessar u għall-konsum normali tal-prodotti, dan ir-Regolament jenħtieġ li ma japplikax għall-prodotti li jkunu ġew introdotti fis-suq fl-Unjoni qabel ma bdew japplikaw l-MRLs il-ġodda u li għalihom inżamm livell għoli ta' protezzjoni tal-konsumatur.

(21) Jenħtieġ li jitħalla jgħaddi perjodu raġonevoli ta' żmien qabel ma jibdew japplikaw l-MRLs modifikati, sabiex l-Istati Membri, il-pajjiżi terzi u l-operaturi tan-negozji tal-ikel jingħataw biżżejjed żmien biex jadattaw ruħhom għar-rekwiżiti li jirriżultaw mill-modifika tal-MRLs.

(22) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 huwa emendat skont l-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Ir-Regolament (KE) Nru 396/2005 kif kien qabel ma ġie emendat b'dan ir-Regolament għandu jibqa' japplika għall-prodotti li jkunu ġew introdotti fis-suq tal-Unjoni qabel l-24 ta' Awwissu 2025.

([8]) Ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 178/2002 tat-28 ta' Jannar 2002 li jistabbilixxi l-prinċipji ġenerali u l-ħtiġijiet tal-liġi dwar l-ikel, li jistabbilixxi l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel u jistabbilixxi l-proċeduri fi kwistjonijiet ta' sigurtà tal-ikel (ĠU L 31, 1.2.2002, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2002/178/oj).

([9]) EFSA (European Food Safety Authority), 2022. Scientific support for preparing an EU position in the 53rd Session of the Codex Committee on Pesticide Residues (CCPR). *EFSA Journal* 2022;20(9):7521, 310 pp. https://doi.org/10.2903/j.efsa.2022.7521.

([10]) https://www.fao.org/fao-who-codexalimentarius/sh-proxy/en/?lnk=1&url=https%253A%252F%252Fworkspace.fao.org%252Fsites%252Fcodex%252FMeetings%252FCX-718-53%252FCRDs%252Fpr53_crd13revx.pdf.

Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mill-24 ta' Awwissu 2025.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-3 ta' Frar 2025.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

ANNESS

Fl-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 396/2005, il-kolonni għall-fenbukonażol u għall-penkonażol huma sostitwiti b'dan li ġej:

"**Ir-residwi tal-pestiċidi u l-livelli massimi tar-residwi (mg/kg)**

Numru tal-kodiċi	**Gruppi u eżempji ta' prodotti individwali li għalihom japplikaw l-MRLs** [a]	**Fenbukonażol (is-somma tal-enantjomeri kostitwenti)**	**Penkonażol (is-somma tal-isomeri kostitwenti) (F)**
(1)	(2)	(3)	(4)
0100000	**FROTT, FRISK jew IFFRIŻAT; ĠEWŻ TAS-SIĠAR**		
0110000	**Frott taċ-ċitru**		0,01 (*)
0110010	Grejpfrut	**0,5**	
0110020	Laringa	**0,5**	
0110030	Lumi	1	
0110040	Xkomp	1	
0110050	Mandolin	0,5	
0110990	Oħrajn (2)	0,5	
0120000	**Ġewż tas-siġar**	0,01 (*)	0,01 (*)
0120010	Lewż		
0120020	Ġewż tal-Brażil		
0120030	Ġewż tal-anakardju		
0120040	Qastan		
0120050	Ġewż tal-Indi		
0120060	Ġellewż		
0120070	Macadamia		
0120080	Ġewż Amerikan		
0120090	Qlub tal-ġewż tal-arżnu		
0120100	Pistaċċi		
0120110	Ġewż		
0120990	Oħrajn (2)		
0130000	**Pomu**	0,5	**0,3**
0130010	Tuffieħ		**0,3**
0130020	Langas		**0,3**
0130030	Sfarġel		**0,3**
0130040	Naspli		**0,3**
0130050	Naspli tal-Ġappun		**0,3**
0130990	Oħrajn (2)		**0,3**

(1)	(2)	(3)	(4)
0140000	**Frott tal-għadma**		
0140010	Berquq	**0,01** (*)	**0,07**
0140020	Ċiras (ħelu)	1	0,15
0140030	Ħawħ	**0,5**	**0,07**
0140040	Għanbaqar	**0,01** (*)	**0,15**
0140990	Oħrajn (2)	0,6	0,01 (*)
0150000	**Kukku u frott żgħir ieħor**		
0151000	(a) **għeneb**	**0,01** (*)	**0,4**
0151010	Għeneb tal-mejda		
0151020	Għeneb għall-inbid		
0152000	(b) **frawli**	0,01 (*)	0,5
0153000	(c) **frott tal-kannamiela**	0,01 (*)	
0153010	Tut		**0,4**
0153020	Tut salvaġġ		0,01 (*)
0153030	Lampun (aħmar u isfar)		**0,4**
0153990	Oħrajn (2)		0,01 (*)
0154000	(d) **frott żgħir u kukku oħrajn**		
0154010	Mirtill	0,5	0,01 (*)
0154020	Cranberries	**0,01** (*)	0,01 (*)
0154030	Ribes (ħamra, sewda u bajda)	0,01 (*)	2
0154040	Ribes bix-xewk (ħodor, ħomor u sofor)	0,01 (*)	0,1
0154050	Warda skoċċiża	0,01 (*)	0,01 (*)
0154060	Ċawsli (iswed u abjad)	0,01 (*)	0,01 (*)
0154070	Għanżalor/naspli tal-Mediterran	0,01 (*)	0,01 (*)
0154080	Frott tas-sebuqa	0,01 (*)	0,01 (*)
0154990	Oħrajn (2)	0,01 (*)	0,01 (*)
0160000	**Frott ta' diversi tipi bl-affarijiet li ġejjin:**	**0,01** (*)	0,01 (*)
0161000	(a) **b'qoxra li tittiekel**		
0161010	Tamal		
0161020	Tin		
0161030	Żebbuġ tal-mejda		
0161040	Lariġ tal-qsari		
0161050	Karambola		
0161060	Kaki		
0161070	Għanbaqar ta' Ġava		
0161990	Oħrajn (2)		
0162000	(b) **b'qoxra li ma tittikilx, u żgħir**		
0162010	Frott tal-Kiwi (aħdar, aħmar, isfar)		
0162020	Liċċi		

(1)	(2)	(3)	(4)
0162030	Frott tal-passjoni		
0162040	Bajtar tax-xewk		
0162050	Tuffieħ stilla		
0162060	Frott tal-kaki tal-Virġinja		
0162990	Oħrajn (2)		
0163000	(c) **b'qoxra li ma tittikilx, u kbir**		
0163010	Avokado		
0163020	Banana		
0163030	Mango		
0163040	Papaja		
0163050	Rummien		
0163060	Ċerimoja		
0163070	Gwava		
0163080	Ananas		
0163090	Frotta tas-siġra tal-ħobż		
0163100	Durian		
0163110	Il-frotta tal-annona		
0163990	Oħrajn (2)		
0200000	**ĦAXIX, FRISK JEW IFFRIŻAT**		
0210000	**Ħxejjex tal-għeruq u tat-tuberi**	0,01 (*)	0,01 (*)
0211000	(a) **patata**		
0212000	(b) **ħxejjex tropikali tal-għeruq u tat-tuberi**		
0212010	Għeruq tal-kassava		
0212020	Patata ħelwa		
0212030	Jammijiet		
0212040	Ararut		
0212990	Oħrajn (2)		
0213000	(c) **ħxejjex oħra tal-għeruq u tat-tuberi minbarra l-pitravi ħelwa**		
0213010	Pitravi		
0213020	Zunnarija		
0213030	Celeriac/Krafes bl-għeruq/krafes Ġermaniżi		
0213040	Għeruq tal-mustarda		
0213050	Artiċokks		
0213060	Zunnarija bajda		
0213070	Tursin ta' Hamburg		
0213080	Ravanell		
0213090	Leħjet il-bodbod		
0213100	Swedes		
0213110	Lift		
0213990	Oħrajn (2)		

(1)	(2)	(3)	(4)
0220000	**Ħxejjex tal-basla**	0,01 (*)	0,01 (*)
0220010	Tewm		
0220020	Basal		
0220030	Xalotti		
0220040	Basal tar-Rebbiegħa/basal aħdar u basal ta' Wales		
0220990	Oħrajn (2)		
0230000	**Ħxejjex tal-frott**	**0,01** (*)	
0231000	(a) **Ħxejjex tal-frott tal-familja tas-*Solanaceae* u tal-familja tal-*Malvaceae***		
0231010	Tadam		0,1
0231020	Bżar ħelu		0,2
0231030	Brunġiel		0,1
0231040	Bamja		0,01 (*)
0231990	Oħrajn (2)		0,01 (*)
0232000	(b) **kukurbiti b'qoxra li tittiekel**		0,06
0232010	Ħjar		
0232020	Ħjar tal-pikles		
0232030	Zukkini		
0232990	Oħrajn (2)		
0233000	(c) **kukurbiti b'qoxra li ma tittikilx**		0,15
0233010	Bettieħ		
0233020	Qara' aħmar		
0233030	Dulliegħ		
0233990	Oħrajn (2)		
0234000	(d) **qamħirrum ħelu**		0,01 (*)
0239000	(e) **ħxejjex tal-frott oħrajn**		0,01 (*)
0240000	**Ħxejjex tal-Brassika (minbarra l-għeruq tal-brassika u l-ħxejjex tal-brassika tal-weraq żgħir)**	0,01 (*)	0,01 (*)
0241000	(a) **Brassika li tagħmel il-fjuri**		
0241010	Brokkli		
0241020	Pastard		
0241990	Oħrajn (2)		
0242000	(b) **kaboċċi kkapoċċati**		
0242010	Kaboċċi ta' Brussell/kaboċċi taz-zokk		
0242020	Kaboċċa kkapoċċati		
0242990	Oħrajn (2)		
0243000	(c) **brassika bil-weraq**		
0243010	Kaboċċi Ċiniżi		
0243020	Kaboċċi ("kales")		
0243990	Oħrajn (2)		

(1)	(2)	(3)	(4)
0244000	(d) **ġdur**		
0250000	**Ħxejjex tal-weraq, ħxejjex aromatiċi u fjuri li jittieklu**		
0251000	(a) **ħass u ħxejjex oħrajn tal-insalata**	0,01 (*)	0,01 (*)
0251010	Ħass tal-ħaruf/ Insalata tal-qamħ		
0251020	Ħass		
0251030	Skalora/indivja bil-weraq wesgħin		
0251040	Krexxuni u nebbieta u rimi oħrajn		
0251050	Krexxuni tal-art		
0251060	Aruka		
0251070	Mustarda ħamra		
0251080	Ħxejjex tal-weraq żgħir (fosthom l-ispeċijiet tal-brassika)		
0251990	Oħrajn (2)		
0252000	(b) **spinaċi u weraq simili**	0,01 (*)	0,01 (*)
0252010	Spinaċi		
0252020	Burdlieq		
0252030	Weraq tas-selq		
0252990	Oħrajn (2)		
0253000	(c) **weraq tad-dwieli u speċijiet simili**	0,01 (*)	0,01 (*)
0254000	(d) **krexxuni**	0,01 (*)	0,01 (*)
0255000	(e) **ċikwejra**	0,01 (*)	0,01 (*)
0256000	(f) **ħxejjex aromatiċi u fjuri li jittieklu**	0,02 (*)	0,02 (*)
0256010	Maxxita		
0256020	Kurrat selvaġġ		
0256030	Weraq tal-karfus		
0256040	Tursin		
0256050	Salvja		
0256060	Klin		
0256070	Timu		
0256080	Ħabaq u fjuri li jittieklu		
0256090	Weraq tar-rand		
0256100	Stregun		
0256990	Oħrajn (2)		
0260000	**Legumi**	0,01 (*)	0,01 (*)
0260010	Fażola (bl-imżiewed)		
0260020	Fażola (bla mżiewed)		
0260030	Piżelli (bl-imżiewed)		
0260040	Piżelli (bla mżiewed)		
0260050	Għads		
0260990	Oħrajn (2)		

(1)	(2)	(3)	(4)
0270000	**Ħxejjex biz-zokk**	0,01 (*)	
0270010	Spraġ		0,01 (*)
0270020	Kardun		0,01 (*)
0270030	Krafes		0,01 (*)
0270040	Bużbież ta' Firenze		0,01 (*)
0270050	Qaqoċċ		0,06
0270060	Kurrat		0,01 (*)
0270070	Rabarbru		0,01 (*)
0270080	Rimi tal-pjanta tal-bambu		0,01 (*)
0270090	Qlub tal-palm		0,01 (*)
0270990	Oħrajn (2)		0,01 (*)
0280000	**Faqqiegħ, ħażiż u likeni**	0,01 (*)	0,01 (*)
0280010	Faqqiegħ ikkultivat		
0280020	Faqqiegħ salvaġġ		
0280990	Ħażiż u likeni		
0290000	**Alka u organiżmi prokarjoti**	0,01 (*)	
0300000	**BUS U ĦEMES**	0,01 (*)	0,01 (*)
0300010	Fażola		
0300020	Għads		
0300030	Piżelli		
0300040	Lupini/fażola tal-lupini		
0300990	Oħrajn (2)		
0400000	**ŻRIERAGĦ TAŻ-ŻEJT U FROTT TAŻ-ŻEJT**	**0,01** (*)	0,01 (*)
0401000	**Żrieragħ taż-żejt**		
0401010	Żerriegħa tal-kittien		
0401020	Karawett		
0401030	Żerriegħa tal-peprin		
0401040	Ġulġlien		
0401050	Żerriegħa tal-ġirasol		
0401060	Żerriegħa tal-lift		
0401070	Fażola tas-sojja		
0401080	Żerriegħa tal-mustarda		
0401090	Żerriegħa tal-qoton		
0401100	Żerriegħa tal-qara' aħmar		
0401110	Żrieragħ tal-għosfor		
0401120	Żerriegħa tal-fiddloqom		
0401130	Żerriegħa tal-*camelina sativa*		
0401140	Qannebusa		
0401150	Fażola tar-riġnu		
0401990	Oħrajn (2)		

(1)	(2)	(3)	(4)
0402000	**Frott taż-żejt**		
0402010	Żebbuġ maħsub għall-produzzjoni taż-żejt		
0402020	Qlub tal-palm taż-żejt		
0402030	Il-frott tal-palm taż-żejt		
0402040	Kapok		
0402990	Oħrajn (2)		
0500000	**ĊEREALI**	**0,01** (*)	0,01 (*)
0500010	Xgħir		
0500020	Qamħ saraċin u ċereali foloz oħrajn		
0500030	Qamħirrum		
0500040	Millieġ komuni		
0500050	Ħafur		
0500060	Ross		
0500070	Segala		
0500080	Sorgu		
0500090	Qamħ		
0500990	Oħrajn (2)		
0600000	**TEJIET, KAFÈ, INFUŻJONIJIET ERBALI, KAWKAW U ĦARRUB**		0,05 (*)
0610000	**Tejiet**	**30**	
0620000	**Kafeni**	0,05 (*)	
0630000	**Infużjonijiet erbali mill-affarijiet li ġejjin:**	0,05 (*)	
0631000	(a) **mill-fjuri**		
0631010	Kamumella		
0631020	Ibisku		
0631030	Ward		
0631040	Ġiżimin		
0631050	Tilju		
0631990	Oħrajn (2)		
0632000	(b) **mill-weraq u mill-ħxejjex aromatiċi**		
0632010	Frawla		
0632020	Rooibos		
0632030	Matè/Te tal-Paragwaj		
0632990	Oħrajn (2)		
0633000	(c) **mill-għeruq**		
0633010	Valerjana		
0633020	Ġinseng		
0633990	Oħrajn (2)		
0639000	(d) **minn kull parti oħra tal-pjanta**		
0640000	**Żerriegħa tal-Kawkaw**	0,05 (*)	

(1)	(2)	(3)	(4)
0650000	**Ħarrub**	0,05 (*)	
0700000	**ĦOPS**	0,05 (*)	0,05 (*)
0800000	**ĦWAWAR**		
0810000	**Ħwawar taż-żerriegħa**	0,05 (*)	0,05 (*)
0810010	Ħlewwa		
0810020	Kemmun iswed		
0810030	Karfus		
0810040	Kosbor		
0810050	Kemmun		
0810060	Xibt		
0810070	Bużbież		
0810080	Fienu		
0810090	Noċemuskata		
0810990	Oħrajn (2)		
0820000	**Ħwawar tal-frott**	0,05 (*)	0,05 (*)
0820010	Bżar tal-Ġamajka/piment		
0820020	Bżar tas-Sichuan		
0820030	Karwija		
0820040	Kardamomu		
0820050	Frott tal-ġnibru		
0820060	Boċċi tal-bżar (suwed, ħodor u bojod)		
0820070	Vanilja		
0820080	Tamar tal-Indja/tamarindi		
0820990	Oħrajn (2)		
0830000	**Ħwawar tal-qoxra tas-siġar**	0,05 (*)	0,05 (*)
0830010	Kannella		
0830990	Oħrajn (2)		
0840000	**Ħwawar tal-għeruq u tar-riżomi**		
0840010	Għud is-sus	0,05 (*)	0,05 (*)
0840020	Ġinġer (10)		
0840030	Żagħfran tal-Indja/kurkuma	0,05 (*)	0,05 (*)
0840040	Għerq tal-mustarda (11)		
0840990	Oħrajn (2)	0,05 (*)	0,05 (*)
0850000	**Ħwawar tal-blanzuni**	0,05 (*)	0,05 (*)
0850010	Imsiemer tal-qronfol		
0850020	Kappar		
0850990	Oħrajn (2)		

(1)	(2)	(3)	(4)
0860000	**Il-ħwawar ta' qalb il-fjura**	0,05 (*)	0,05 (*)
0860010	Żagħfran		
0860990	Oħrajn (2)		
0870000	**Ħwawar tal-aril**	0,05 (*)	0,05 (*)
0870010	Il-qoxra ta' barra tan-noċemuskata		
0870990	Oħrajn (2)		
0900000	**PJANTI TAZ-ZOKKOR**	0,01 (*)	0,01 (*)
0900010	Pitravi ħelu		
0900020	Kannamieli		
0900030	Għeruq taċ-Ċikwejra		
0900990	Oħrajn (2)		
1000000	**PRODOTTI LI JORIĠINAW MILL-ANNIMALI – ANNIMALI TERRESTRI**		
1010000	**Prodotti bażiċi mill-affarijiet li ġejjin:**		
1011000	(a) **mill-ħnieżer**		0,05
1011010	Muskoli	0,05 (*)	
1011020	Xaħam	0,05 (*)	
1011030	Fwied	0,1	
1011040	Kliewi	0,1	
1011050	Ġewwieni li jittiekel (minbarra l-fwied u l-kliewi)	0,1	
1011990	Oħrajn (2)	0,05 (*)	
1012000	(b) **mill-annimali bovini**		0,05
1012010	Muskoli	0,05 (*)	
1012020	Xaħam	0,05 (*)	
1012030	Fwied	0,1	
1012040	Kliewi	0,1	
1012050	Ġewwieni li jittiekel (minbarra l-fwied u l-kliewi)	0,1	
1012990	Oħrajn (2)	0,05 (*)	
1013000	(c) **min-nagħaġ**		0,05
1013010	Muskoli	0,05 (*)	
1013020	Xaħam	0,05 (*)	
1013030	Fwied	0,1	
1013040	Kliewi	0,1	
1013050	Ġewwieni li jittiekel (minbarra l-fwied u l-kliewi)	0,1	
1013990	Oħrajn (2)	0,05 (*)	
1014000	(d) **mill-mogħoż**		0,05
1014010	Muskoli	0,05 (*)	
1014020	Xaħam	0,05 (*)	
1014030	Fwied	0,1	
1014040	Kliewi	0,1	

(1)	(2)	(3)	(4)
1014050	Ġewwieni li jittiekel (minbarra l-fwied u l-kliewi)	0,1	
1014990	Oħrajn (2)	0,05 (*)	
1015000	(e) **mill-ekwini**		0,05
1015010	Muskoli	0,05 (*)	
1015020	Xaħam	0,05 (*)	
1015030	Fwied	0,1	
1015040	Kliewi	0,1	
1015050	Ġewwieni li jittiekel (minbarra l-fwied u l-kliewi)	0,1	
1015990	Oħrajn (2)	0,05 (*)	
1016000	(f) **mill-pollam**	0,05 (*)	
1016010	Muskoli		0,05
1016020	Xaħam		0,01 (*)
1016030	Fwied		0,05
1016040	Kliewi		0,05
1016050	Ġewwieni li jittiekel (minbarra l-fwied u l-kliewi)		0,05
1016990	Oħrajn (2)		0,01 (*)
1017000	(g) **minn annimali terrestri mrobbijin oħrajn**		0,05
1017010	Muskoli	0,05 (*)	
1017020	Xaħam	0,05 (*)	
1017030	Fwied	0,1	
1017040	Kliewi	0,1	
1017050	Ġewwieni li jittiekel (minbarra l-fwied u l-kliewi)	0,1	
1017990	Oħrajn (2)	0,05 (*)	
1020000	**Ħalib**	**0,01** (*)	0,01 (*)
1020010	Bhejjem tal-ifrat		
1020020	Nagħaġ		
1020030	Mogħoż		
1020040	Żwiemel		
1020990	Oħrajn (2)		
1030000	**Bajd tal-għasafar**	0,05 (*)	0,05
1030010	Tiġieġ		
1030020	Papri		
1030030	Wiżż		
1030040	Summien		
1030990	Oħrajn (2)		
1040000	**Għasel u prodotti oħrajn tal-apikultura (7)**	0,05 (*)	0,05 (*)
1050000	**Amfibji u Rettili**	0,05 (*)	0,01 (*)
1060000	**Annimali terrestri invertebrati**	0,05 (*)	0,01 (*)
1070000	**Annimali vertebrati terrestri slavaġ**	0,05 (*)	0,05

(1)	(2)	(3)	(4)
1100000	**PRODOTTI LI JORIĠINAW MILL-ANNIMALI – ĦUT, PRODOTTI TAL-ĦUT U KULL PRODOTT TAL-IKEL TAL-BAĦAR JEW TAL-ILMA ĦELU IEĦOR (8)**		
1200000	**PRODOTTI JEW PARTIJIET MILL-PRODOTTI UŻATI BISS GĦALL-PRODUZZJONI TAL-GĦALF (8)**		
1300000	**PRODOTTI TAL-IKEL IPPROĊESSATI (9)**		

(*) Jindika l-limitu l-iktar baxx ta' kwantifikazzjoni analitika
([a]) Għal-lista sħiħa tal-prodotti li joriġinaw mill-pjanti u mill-annimali li għalihom japplikaw l-MRLs, jenħtieġ li ssir referenza għall-Anness I
(+) Kombinament ta' pestiċidi u ta' prodotti li għalih teżisti nota f'qiegħ il-paġna. Il-lista tan-noti f'qiegħ il-paġna hija pprovduta hawn taħt.

Penkonażol (is-somma tal-isomeri kostitwenti) (F)

(F) Solubbli fix-xaħam"